MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 547/2003

**HSBC Bank Malta plc reg. No. C3177**

**vs**

**Joseph u Dorianne konjugi Sammut**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta':

(a) Hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm555.46) debitu fil-*Loan Account* numru 023-124803-300 kwantu ghal Lm512.24 rapprezentanti kapital u ghal kwantu ghal Lm43.22 imghax sas-17 ta' Lulju, 2003, flimkien ma' l-imghax ulterjuri sal-jum tal-effettiv pagament.

(b) Elf, tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,881.25) debitu fil-*Loan Account* numru 085-049633-300 kwantu ghal Lm1717.16 rapprezentanti kapital u kwantu ghal Lm164.09

rapprezentanti imghax sas-17 ta’ Lulju, 2003, flimkien mal-imghax ulterjuri sal-jum tal-effettiv pagament.
(c) Seba’ mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm751.34) debitu fil-*Loan Account* numru 085-04963-301 kwantu ghal Lm617.38 rapprezentanti kapital u kwantu ghal Lm133.96 rapprezentanti imghax sas-17 ta’ Lulju, 2003, flimkien mal-imghax ulterjuri tat-8% sal-jum tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 2001, tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju u tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------